MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1151/1997/1

**Paul Gambin**

**vs**

**Frank Gambin f'ismu propju u flimkien ma Anthony Gambin in rapprezentaza tas-socjeta K T Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi b'sentenza tal-Prima Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bl-istess ismijiet, citazzjoni numru 1279/89, ikkonfermatata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 1996, gie ddikjarat li l-

box van numru L-2047 kienet propjeta tal-attur, u l-konvenut Frank Gambin gie ordnat jaghmel it-transfer tal-istess van favur l-attur;

Illi meta l-attur ha l-pussess tal-van fil-1996 il-valur taghha kien nizel ghal Lm2500 fil-waqt li l-van kienet tiswa Lm5500 meta l-attur importaha f'Malta fil-1988;

Illi ghalhekk l-attur sofra danni konsistenti fit-tnaqqis tal-valur tal-imsemmi van;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu, fil-kwalita' taghhom premessa, ghaliex din il-Qorti m'ghandiex :

tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni li l-attur sofra billi l-valur tal-van tieghu numru L-2047 nizel minn Lm5500 fil-1988 ghal Lm2500 fis-sena 1996 meta l-van giet ikkonsenjata lilu mill-konvenut u

tikkundanna lill-konvenuti jhallsu, fi zmien perentorju, lill-attur id-danni sofferti minnu fl-ammont ta' Lm3000 in konnesjoni mal-mankata konsenja tal-van imsemmi, jew somma verjuri;

Bl-ispejjez inkluzi l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament kofermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota'ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-konvenut nomine ma' huwa responsabbli ghal ebda danni sofferti mill-attur meta l-van tieghu numru L 2047 naqaslu l-valur tieghu;

Illi l-van propjeta' tal-attur kien inzamm mill-eccipjenti peress li l-attur kien jirrifjuta li jhallas lill-eccipjenti s-somma ta' elf tmin mija u sbatax il-lira Maltin (Lm1817) rapprezentanti spejjez li saru mill-eccipjenti sabiex l-istess van ikun jista' jingieb mill-Ingilterra ghal Malta. Illi di piu' meta l-attur irrilaxxja l-vettura in kwistjoni huwa kien accetta li jiehu tali vettura minghand l-eccipjenti tale quale;

Illi l-eccipjenti lanqas ma' kienu nvoluti fil-bejgh tal-vettura in kwistjoni u ghalhekk qatt ma' kellhom kontroll fuq il-prezz li l-attur kien gab tal-van propjeta tieghu numru L-2047;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit tal-attur;

Semghet lill-attur u lill konveut Frank Gambin;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet diferita ghas-sentenza:

Ikkonsidrat:

Din il-kawza qed issir minn Paul Gambin kontra Frank Gambin propio u kontra s-socjeta K T Company Limited;

L-attur jippremetti li b'sentenza, fil-kawza fl-istess ismijiet (citazzjoni numru 1279/89), tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu 1996 gie ddikjarat li l-box van numru L-2047 kien propjeta tal-attur, u l-konvenut Frank Gambin gie ordnat jaghmel it-transfer relattiv favur l-attur. L-attur ikompli jippremetti li meta ha l-pussess tal-imsemmija vettura, fil-

1996, l-valur kien nizel ghal Lm2500 fil-waqt li l-istess vettura kienet tiswa Lm5500 meta l-attur importaha f'Malta fil-1988. L-attur jippretendi li sofra danni konsistenti fit-tnaqqis tal-valur tal-imsemmija vettura. L-attur ghalhekk qed jitlob li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghal dawn id-danni sofferti minnu u qed jitlob ukoll li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu dawn id-danni sofferti minnu fl-ammont ta' Lm3000 jew somma verjuri;

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur jikkjarifika illi mhabba l-agir illegali u abusiv tal-konvenuti, huwa sofra danni ta' Lm3000 cirka konsistenti fid-differenza fil valur tal-van bejn is-sena 1988 u s-sena 1996, meta l-attur ha l-pusses tal-istess van u wara l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li s-socjeta konvenuta mhux responsabbli ghal ebda danni sofferti mill-attur meta naqas il-valur tal-van in kwestjoni. Il-van in kwestjoni, propjeta' tal-attur, kien inzamm mill-eccipjenti peress li l-attur kien jirrifjuta li jhallas is-somma ta' elf tmin mija u sbatax il-lira maltin (Lm1817) rapprezentanti spejjez li kienu saru mill-eccipjenti sabiex l-istess van ikun jista' jingieb mill-Ingilterra ghal Malta;

Il-konvenuti jeccepixxu ukoll li l-attur kien accetta li jiehu lura l-vettura tale quale. Il-konvenuti ma kinux involuti fil-bejgh tal-vettura u ghalhekk qatt ma' kellhom kontroll fuq il-prezz li l-attur gab ghall-van in kwestjoni;

Da parti tieghu l-attur ikkonferma li huwa kien jixtri vetturi fl-Ingilterra u jibghathom Malta ghal bejgh. Fil-1988 wahda minn dawn il-vetturi, cioe' l-van in kwestjoni, kien gie registrat u licenzjat f'isem is-socjeta konvenuta u mhux f'isem l-attur. Huwa kkonferma li meta gie biex ibiegh il-van sab li kellu bzonn l-awtorita' tar-rappresentanti tas-socjeta konvenuta, li in effett kienu qed jirrifjutaw li jghatu din il-firma. Ghalhekk saret l-imemmija kawza li giet finalment deciza fis-27 ta' Marzu 1996. Wara din is-sentenza u wara li l-van gie fil-pussess tieghu l-attur ikkonferma li biegh l-istess van ghas-somma ta' elfejn u

hames mitt lira maltin (Lm2500). L-attur ikonferma li meta xtara l-van fil-1988 l-istess van kien jinbiegh hamest elef u hames mitt lira (Lm5500). Ghalhekk l-attur isostni li hu ghamel telf ta’ tlett elef lira maltin (Lm3000). L-attur isostni li ghal dan it-telf huma responsabbli l-konvenuti;

Inoltre l-attur esibixxa valutazzjoni ghar-rigward tal-van in kwestjoni, liema stima saret fil-1996 u kienet ghall-ammont ta’ bejn Lm2500 u Lm2800. L-attur jichad li meta nghata lura l-van in kwestjoni huwa accetta l-istess van tale e quale cioe’ fil-kondizzjoni kif kien. Dwar id-dokument relattiv (dokument GG1 – fol.60) l-attur jghid li l-kitba mhux tieghu. Il-firma hi tieghu, pero' huwa ma jafx kif din il-firma tinsab fl-istess dokument. L-attur issuggerixxa li din il-firma setghet giet ikkupjata. Barra l-imsemmi telf fil-valur l-attur ikkonferma li huwa tilef ukoll l-imghaxxijiet relattivi;

Il-konvenut Frank Gambin ikkonferma li l-van in kwestjoni kien gie registrat f'isem is-socjeta konvenuta. L-istess konvenut ikkonferma li huwa kien hallas id-dazju relattiv u kien ghamel spejjez ohra u l-Qorti tal-Appell kienet illikwidat dawn l-ispejjes fis-somma ta’ Lm1817.56. Wara l-imsemmija sentenza l-attur hallas l-imsemmi ammont u sar it-transfer tal-licenza ghal fuq isem l-attur. Il-konvenut ikkonferma li l-konvenuti kienu qed jirrifjutaw li jghatu l-awtorizzazzjoni biex il-van jigi registrat f’isem l-atur qabel ma l-attur ihallas l-ispejjez li kienu thallsu in konnessjoni mal-importazzjoni tal-van. Il-van ghalhekk inzamm mill-konvenuti. Il-konvenut ghamel referenza ghall-imsemmi dokument GG1 minn fejn, skond il-konvenut, jirrizulta li l-attur ha lura l-van tale e quale cioe’ bil-kondizzjoni kif kien;

Relativament ghall-imsemmi dokument GG1 (fol.60) ma jirrizultax sufficjentement li l-attur accetta li jiehu lura l-pussess tal-van in kwestjoni fil-kundizzjoni kif kien. Fi kwalunkwe kas dan l-istess dokument zgur li ma jinplikax li l-attur kien qed jirrinunzja ghal xi azzjoni spettanti lilu ghar-rigward ta’ telf konsistenti fid-differenza tal-valur

meta l-van gie importat Malta u meta l-van gie lura fil-pussess tieghu;

Il-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza taghha tas-27 ta’ Marzu 1996 irrimarkat li “l-konvenuti m’ghandhomx ebda dritt ta’ jus retentionis fuq il-van li giebu Malta f’isem l-attur…. It-titolu li bis-sahha tieghu huma qed ivantaw kreditu kontra l-attur fil-kontro-talba hu dak ghal hlas ta’ servizzi resi fl-esekuzzjoni tal-mandat u ghall-ammonti ta’ flus avanzati fl-interess tal-attur mandanti taghhom fl-ispletar ta’ tali inkariku. Il-ligi ma tghatix id-dritt lill-mandatarju li jirritjeni il-pussess tal-van propjeta tal-mandanti sakhemm jigi mhallas l-ammont dovut in sodisfazjon tal-esekuzzjoni tal-istess mandat. … Ma kinux allura korretti l-konvenuti meta eccipew li huma pronti li jdawwru l-licenzja tal-van ghal fuq isem l-attur meta dana jhallas dak li kien dout lilhom”;

Dan kollu ifisser li l-konvenuti illegalment u abusivament kienu zammew il-van in kwestjoni fil-pussess taghhom sakhemm jithallsu l-ammonti li huma kienu qed jippretendu li kienu dovuti lilhom bhala spejjez inkorsi fl-imsportazzjoni tal-istess van. Dan ifisser ukoll li l-konvenuti huma responsabbli versu l-attur ghar-rigward tat-telf fil-valur tal-van minn meta gie importat sakhemm inghata lura lill-attur.  L-attur jippretendi li fiz-zmien li l-van gie importat f’Malta l-istess van kien jinbiegh Lm5500. L-attur pero’ ma gab ebda prova f’dan ir-rigward. L-attur inoltre esibixxa valutazzjoni tal-van fiz-zmien meta huwa rega ha l-pussess tal-istess van. Din il-valutazzjoni pero’ ma gietx ikkonfermata. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk ma tistax tigi accettata l-pretensjoni tal-attur ghal differenza fil-valur ta’ Lm3000. Il-Qorti ghalhekk ser tllikwida d-danni in kwestjoni arbitrio boni viri u dana fid-dawl tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Dawn id-danni qed jigu likwidati fis-somma ta’ elfejn u hames miti liri flus maltin (Lm2500) liema ammont jinkludi l-imghaxxijiet kollha kif pretizi mill-attur;

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti pero’ limitatament ghas-somma ta’ elfejn u hames mitt liri maltin (Lm2500) li tinkludi ukoll l-imghaxxijiet kollha pretizi mill-attur;

Ghl dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwl lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni li l-attur sofra billi l-valur tal-van tal-attur in kwestjoni numru L-2047 nizel minn kif kien fil-1988 ghal kif kien fis-sena 1996 meta l-van gie ikkonsenjat lura lill-attur u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur id-danni sofferti minnu liema danni qed jigu likwidati fis-somma ta’ elfejn liri maltin (Lm2500) inkluzi l-imghaxxijiet kollha pretizi mill-attur u dana in konnesjoni mal-mankata konsenja tal-van imsemmi. Bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti u kwantu ghal rimanenti kwart (1/4) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------